KUNSILL LOKALI

**MOSTA**

LOCAL COUNCIL

**Laqgħa Numru 14** **It- Tlieta 27 ta' Mejju 2025**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:00pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joseph Gatt – Sindku
Keith Cassar – Viċi Sindku
Anthony Agius Decelis – Kunsillier (Minority Leader)
Thomas De Martino – Kunsillier
Michaela Ann Bayliss – Kunsillier
Sammy Mallia – Kunsillier
Aiken Zerafa - Kunsillier
Charles Schembri- Kunsillier
Chris Grech – Kunsillier daħal għal- laqgħa fis- 6:10 pm
Chantelle Portelli- Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier
Rachel Abela – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**

Nil

**ASSENTI:**

Andre Buhagiar- Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Jeremy Bartolo – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Joseph Gatt ippreseda l-laqgħa.

**14.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

L- Aġent Segretarju Eżekuttiv stqarr illi ma rċieva l-ebda ittra t' apoloġija.

## 14.2 Kunsiderazzjoni tal-Minuti nru 13

### 14.2.1 Korrezzjonijiet tal- Minuti nru 13

Ma kien hemm ebda korrezzjonijiet għal- Minuti tal- Laqgħa Numru 13 u għaldaqstant kienu approvati mill-membri preżenti nem. con.

### 14.2.2 Aġġornamenti numru tal- Minuti nru 13

**10.5.1 Measure 4.3 Update**

Il-Kunsill ġie infurmat li l-proġett li kien ippjanat biex isir f'Triq San Pawl tal-Qliegħa taħt pakkett ta' fondi tal-Unjoni Ewropea ma setax jitwettaq minħabba limitazzjonijiet ta' ħin u *deadlines* stretti. Għalhekk, ġie deċiż li jinstab triq alternattiva sabiex il-fondi jkunu jistgħu jiġu użati b'mod effiċjenti, fejn ix- xogħol isir mingħand Infrastruttura Malta u li jirrispetta l-kriterji tal-finanzjament. Il-Kunsill se jidentifika triq oħra li tkun tista' tibbenefika minn dan il-finanzjament u tissodisfa r-rekwiżiti meħtieġa minnufih.

**12.4.1 Viċi Sindku – Ktejjeb għat- tfal**

Il-Viċi Sindku stqarr li l-ktejjeb kommemorattiv kien suċċess, bit- tniedija ufficiali li saret fit-23 ta' Marzu 2025. Huwa ppreżenta kopji tal-ktejjeb lill-Kunsilliera preżenti għall-laqgħa. Huwa żied jgħid li għad fadal ammont ta' kotba li se jitqassmu lill-istudenti fl-iskejjel primarji tal-lokal.

**13.4.2 Minority Leader – Korsijiet għat- tfal**

Il-Minority Leader staqsa lil- Kunsill sabiex japprova budget ta' €700 biex isiru korsijiet tat-tfal fis- sajf. Il- Kunsill approva budget ta' €350 biex isiru dawn il- korsijiet.

## 14.3 Kommunikazzjoni / Korrispondenza mis-Sindku

### 14.3.1 Applikazzjoni: Minn Pjazza għal- Pjazza

Is- Sindku, flimkien mal- Viċi Sindku stqarrew illi l-Proposta għall-Attività "Three Cities, One Rhythm" tal-Kunsill Lokali tal- Mosta ġiet aċċettata b' valur ta' €25,000. "Three Cities, One Rhythm", li tgħaqqad il-Mosta mal-bliet ġemellati tagħha, dawk ta' Ragusa (Sqallija) u Millbrae (California, l-Istati Uniti). L-attività ser tiffoka fuq il-mużika jazz u l-gastronomija, b'enfasi fuq il-ġobon u l-inbid, prodotti komuni fiż-żewġ reġjuni. Il-proġett jinkludi tislima lill-Mosti Charles 'is-City' Gatt, pijunier tal-ġeneru tal-Jazz f' Malta. L-attività għandha l-għan li tippromwovi l-multikulturaliżmu u l-għaqda kulturali permezz ta' prestazzjonijiet mużikali u esperjenzi kulinarji.

**14.3.2 PA application 02970/25**

Is- Sindku ppreżenta ir- rakkomandazzjoni tal- Perit tal- Kunsill għal- applikazzjoni tal- ippjanar b' referenza PA02970/25 li tikkonċerna *guesthouse* fi Triq il- Wied, fejn il- Kunsill jixtieq jissottometti l- oġġezjoni tiegħu. Il- Kunsillieri preżenti qablu illi din l- ittra tiġi sottomessa.

**14.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**14.4.1 Kunsillier Zerafa – Website tal- Kunsill**

Il- Kunsillier Zerafa staqsa kif il- Website tal- Kunsill ikun jista jingħata update. L- Aġent Segretarju Eżekuttiv stqarr illi l- Kunsill għandu żewġ websites; dak tal- Kunsill stess, kif ukoll dak l- uffiċjali tad- DGL, li jitilgħu id- dokumentazzjoni uffiċjali fih. Għaldaqstant, l- unika website illi għandu bżonn ikun aġġornat huwa dak tal- Kunsill.

**14.4.2 Skema SPI/SCI/05/2025 – Karnival 2025**

Is- Sindku preżenta l-iskema tad- DGL li tirrigwarda il- Karnival 2026. Il- Kunsilliera Bayliss stqarret illi tipproponi illi l- Kunsill japplika b' parametri simili ta' dik l- attivita li saret fl- 2025. Il- Kunsillieri preżenti qablu nem. con. Illi l- Kunsill għandu jipproċedi bl- applikazzjoni tiegħu.

**14.4.3 Skema SPI/SCI/06/2025 - Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali**

Is-Sindku preżenta l-iskema tad- DGL li tirrigwarda skema tad- DGL Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali. Il- Kunsilliera Bayliss ipproponiet illi l-applikazzjoni tkun ibbażata fuq it-tfassil tas-sistema tad-dawl li l-Kunsill qed jippjana li jwettaq fil-Ġnien fi Triq il-Mitħna. Il-Kunsill iqis li din l- iskema hija opportunità tajba sabiex parti sostanzjali mill-prezz stmat ta' dan il-proġett tkun tista' tiġi koperta. Il- Kunsillieri preżenti qablu nem. con. Illi l- Kunsill għandu jipproċedi bl- applikazzjoni tiegħu.

**14.5 Rapporti**

**14.5.1 Tender updates**

**14.5.1.1 Tender għat- tiżjin tal- Milied**

Is-Sindku stqarr illi hemm bżonn jinħareġ it-tender għat-tiżjin tal- Milied, it- tali dokument kien mibgħut lil- Kunsillieri wara il- Laqgħa numru 13, fejn il- Kunsillieri bgħatu il- kummenti tagħhom sabiex id- dokument ikun emendat qabel ma ġie ppreżentat fil- laqgħa. Kien hemm qbil nem. con. illi l- Kunsill jipproċedi bil- publikazzjoni tat- tender b' valur stmat ta' €25,000 għal- tlett snin.

**14.5.1.2 Steet Sweeping Tender**

Is- Sindku stqarr illi il- bord tat- tenders iltaqgħa sabiex ikun evalwat it- tender KLMT-01-24 li jirrigwarda primarjament il- knis tat- toroq. Il- Bord tal- evalwazzjoni rrakomanda illi l- Kunsill ma jilqax l-offeri preżentati peress illi huma ta' valur għola minn dak li talab il-Kunsill, dan kien ikkonfermat mid- DGL kif ukoll mill- konsulent tat- tenders tal-Kunsill u l- avukat tal- Kunsill. Il-Kunsillier Grech stqarr illi fuq parir tad- dipartiment tal- kuntratti, il-proċess t' evalwazzjoni xorta jrid isir fis-sħiħ, umbad il- Kunsill ikun jista jieħu id-deċiżjoni neċessarja.

**14.5.2 Parks and Gardens Tender**

F'laqgħat preċedenti ġew diskussi diversi punti relatati mal-ġardinaġġ tal-ġonna pubbliċi fil-Mosta, li matul is-snin żdiedu b'mod sinifikanti. Għaldaqstant, il-Kunsill qed jikkunsidra li jingaġġa arborista sabiex jaġġorna l-inventarju tal-assi relatati mal-ġonna. Dan l-inventarju se jservi bħala bażi għall-ħruġ ta' tender ġdid li jinkludi mhux biss iż-żoni eżistenti, iżda wkoll iż-żoni l-ġodda li żdiedu fis-snin reċenti.

**14.5.3 Update youth Centre**

Is- Sindku stqarr illi l-Youth Centre sejjer fil- ġnien taż- Żokrija fejn il- Youth Worker ser twettaq l-attivitajiet tagħha fis- sit allokat f' dan il-ġnien bil-għan li jitjieb is-servizz lil-Komunita.

**14.5.4 Newsletter Kunsill**

Is- Sindku stqarr illi sas- 7 ta' Ġunju jixtieq illi joħroġ forma ta' newsletter fejn isir diskors mis- Sindku, il- Viċi Sindku u l-Minority Leader u jsir u jkun esebit ix- xogħol tal- Kunsill fl-ewwel sena tiegħu. Il- Kunsilliera preżenti qablu nem. con.

**14.5.5 Ticketing System**

Is- Sindku semma illi kien hemm laqgħa sabiex tiġi introdotta ticketing system li tiswa madwar €5000 għal- customer care, it-tali sistema li sservi biex ittejjeb is- servizz lejn ir-residenti. Il- Kunsillieri qablu li nipproċedu li il-partijiet jiġu jagħmlu preżentazzjoni quddiem il- Kunsill sabiex din is- sistema tkun spjegata iktar fid-dettall.

**14.5.6 Quarterly report 1**

L- Accountant tal- Kunsill daħal online sabiex jippreżenta ir- rapport tal- ewwel kwart tas-sena 2025 sal- aħħar ta' Marzu 2025. Dan ir- rapport kien qiegħed juri illi fl- ewwel kwart tas- Sena 2025, hemm telf ta' natura rekorrenti ta' madwar €70,000. Mill- allokazzjoni finanzjarja ta' madwar €340,000, €90,000 marru għal-pagi tal-istaff, b' €230,000 marru biex jitħallsu kuntratturi għal- xogħolijiet li saru. Għaldaqstant, il- Kunsill għandu dejn ta'

€957,068, u FSI ta' -58%. Il- Kunsillieri qablu ma dan ir-rapport tal-Quarterly Financial Report 1 ta' Jannar, li jkopri sal- aħħar ta' Marzu 2025.

#### 14.5.7 Audited financial statements

L- Audited financial statements 2024 ser ikunu preżentati fil-laqgħa li jmiss tal- Kunsill peress li l- Kunsill għadu qiegħed jistenna l-għeluq tal- proċessi mill- awdituri.

### 14.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni

#### 14.6.2 Skeda tal-Pagamenti

l- Iskeda ta' Pagamenti numru 161 kienet approvata nem. con.

#### 14.6.3 Purchase Orders

Il- lista ta' Purchase Orders ippreżentata kienet approvata nem. con.

#### 14.6.4 Works Orders

Il- lista ta' Works Orders ippreżentata kienet approvata nem. con.

#### 14.6.5 Petty Cash

Il- lista ta' Petty Cash ippreżentata kienet approvata nem. con.

### 14.7 Laqgħa li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fis-9:39pm, u kien maqbul illi l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill, jiġifieri Laqgħa Numru 16, se ssir nhar it-Tlieta, 24 ta' Ġunju 2025.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| **Joseph Gatt** | **Jeremy Bartolo** |
| **Sindku** | **Aġent Segretarju Eżekuttiv** |